# L-edukazzjoni tal-adulti u l-politika tat-tagħlim: ir-relevanza ta' Dun Ġorġ Preca ta' Malta

RONALD G. SULTANA

Dan l-istudju għandu l-għan li jesplora l-kontribut li ta Dun Ġorġ Preca fl-iżvilupp tal-edukazzjoni tal-adulti fil-gżejjer Maltin. Din il-ħidma ta' Preca hija studjata fl-isfond storiku biex toħroġ b'mod aktar effettiv ir-relevanza tiegħu fl-iżvilupp ta' dan il-qasam. Fost il-kwalitajiet importanti li joħorġu f'dan il-kuntest insibu l-impenn ta' Preca lejn id-demokratizzazzjoni tat-tagħlim, il-pożizzjoni li ħa fil-konfront ta' min jitgħallem, meta għażel li jmur hu għand il-poplu u jaħdem fil-livell tal-popolin aktar milli fil-livell tal-istituzzjoni formali, u l-konvinzjoni tiegħu li saħansitra t-tagħlim l-aktar diffiċli, li ħafna drabi ntuża bħala għodda eżoterika għall-avvanz soċjali minn ċerti klassijiet, jekk wieħed jinqeda bil-pedagoġija t-tajba, jista' jkun imwassal lil kulħadd, hu x'inhu l-isfond soċjali u edukattiv li wieħed ikun ġej minnu.

## Introduzzjoni

Ġorġ Preca[1] twieled fis-sena 1880 u miet fl-1962. Għaldaqstant ħajtu tinfirex minnaħa l-waħda fuq il-medda tal-perjodu mill-aktar attiv tal-preżenza tal-Ingliżi f'Malta, u min-naħa l-oħra fuq il-mixja lejn l-indipendenza politika formali tal-gżejjer fl-1964. Billi wieħed ma jistax jifhem u japprezza l-ħidmiet u l-kisbiet tal-bniedem jekk mhux fl-isfond storiku tagħhom, huwa meħtieġ li f'dan il-kuntest nagħtu ħarsa ħafifa ta' fiex kienet l-edukazzjoni formali u informali f'Malta fi żmien Preca, b'enfasi partikulari fuq l-ewwel snin tas-seklu 20 meta Preca ta bidu għall-inizjattivi tiegħu. Wara li nkunu qegħidna s-suġġett fil-kuntest storiku tiegħu, ngħaddu biex nidentifikaw u niddiskutu fil-qosor dawk il-kwalitajiet u karatteristiċi fil-ħidma ta' Dun Ġorġ Preca li jagħmluh mudell fi żmienu għal edukaturi fil-qasam tal-adulti, fi kliem ieħor l-impenn tiegħu lejn id-demokratizzazzjoni tat-tagħlim, il-mod kif kien iħares lejn min qed jitgħallem, il-mod kif għażel li joħroġ 'il barra biex jasal għand in-nies u jaħdem fost il-poplu aktar milli fuq il-livell istituzzjonali formali, u l-konvinzjoni tiegħu li meta wieħed jadotta l-pedagoġija xierqa anke l-aktar tagħlim tqil jista' jiġi kkomunikat lil min irid jitgħallem, ikun x'ikun l-isfond soċjali u edukattiv li jkun ġej minnu.

## L-isfond storiku

L-istorja tal-edukazzjoni Maltija mis-seklu 19 sa nofs is-seklu 20 għandha l-istess karatteristiċi li wieħed x'aktarx isib fil-kolonji li għadhom m'humiex żviluppati industrijalment. Il-moviment favur il-qawmien tat-tagħlim tal-massa fil-Punent

ħafna jattribwuh lil diversi fatturi, fosthom il-pressjoni minn intraprendituri industrijali biex iwaqqfu istituzzjonijiet li jkunu kapaċi jagħtu lill-ġenerazzjoni żagħżugħa l-ħiliet meħtieġa u jgħinuha tissoċjalizza, u l-interessi tal-'umanisti l-qodma' u l-'edukaturi pubbliċi', kif isejħilhom Raymond Williams[2], biex iwessgħu u jiftħu l-iskejjel għal kulħadd. Tal-ewwel riedu jżommu t-tip ta' edukazzjoni klassika li tradizzjonalment kienet tingħata fl-iskejjel tal-élite; tat-tieni kienu jxaqilbu aktar lejn ideat liberali li jsawru l-idea ta' 'nazzjon' u s-sens ta' 'ċittadinanza' billi jaqsmu l-kisbiet intellettwali li għamlet l-umanità mal-massa. Aktar qrib lejn żmienna, Andy Green[3] spjega l-qawmien tal-edukazzjoni formali bħala t-tweġiba għall-proċessi burokratiċi tal-istat. Jidher ċar mid-diversi teoriji li naqraw dwarhom f'dan il-kuntest li t-tifsira tal-edukazzjoni, kif ukoll l-iżvilupp tagħha f'forom u prattiċi istituzzjonali, żviluppat b'riżultat ta' fehmiet differenti bejn gruppi li kellhom interessi li xi drabi ma kenux jaqblu. Dawn il-forzi, li f'ħafna pajjiżi tal-Kontinent wasslu biex madwar l-1850 l-edukazzjoni elementari waslet għand il-massa tal-poplu, u eventwalment bdiet il-mixja lejn l-edukazzjoni tal-adulti, ma kenux jeżistu bl-istess intensità u bl-istess forma hawn Malta, li kellha tistenna sas-sena 1946, seklu sħiħ wara, biex tintroduċi l-edukazzjoni primarja obbligatorja għal kulħadd, u sas-sena 1970 biex tifrex l-edukazzjoni sekondarja għaċ-ċittadini kollha.[4]

## L-edukazzjoni u l-klassi intraprenditorjali lokali

Jekk irridu napprezzaw il-kontribut ta' Preca għall-edukazzjoni tal-adulti f'Malta ma nistgħux ma nifhmux x'wassal għal din is-sitwazzjoni. Sa pjuttost tard fis-seklu 20, ma stajniex nitkellmu dwar ħajja industrijali f'Malta: ix-xogħol fil-pajjiż kien tista' tgħid idur kollu fuq is-servizzi u l-bżonnijiet tal-bażi Ingliża, u hekk żviluppat ekonomija marbuta ma' fortizza li kienet timxi 'l quddiem jew tmur lura skond in-nefqa tal-imperu jew skond l-Ingilterra kenitx tkun imdaħħla f'xi gwerra jew le. L-industrija tal-qoton, li sa ftit qabel kienet għadha b'saħħitha, issa kienet spiċċat għal kollox minħabba l-politika tas-suq ħieles li kienu daħħlu l-Ingliżi u wkoll minħabba l-kompetizzjoni mill-Eġittu. L-unika intrapriża ta' siwi fil-gżira li wieħed seta' jitkellem fuqha kienet it-Tarzna[5]. Kien hawn li stajt issib l-aqwa nies tax-xogħol, u kien minn hawn li Preca ġabar lil dawk li kellhom ikunu l-pijunieri fost l-edukaturi tal-adulti. Ftit kienu l-Maltin tat-tajjeb li tħajru jinvestu fl-industrija, u kellhom ħafna xi jżommhom lura, ibda mill-qawwiet kolonjali (li riedu jinkoraġġixxu aktar id-dipendenza milli l-awtonomija ekonomika), u n-nuqqas ta' faċilitajiet infrastrutturali u servizzi, bħalma huma dawk bankarji. Fil-fatt fl-istorja tal-edukazzjoni f'Malta niltaqgħu ma' diversi appelli li saru minn intraprendituri lokali għall-iżvilupp tal-edukazzjoni, l-aktar dik teknika. Saħansitra wħud minnhom ħadu inizjattivi ta' ċerta importanza immirati lejn iż-żgħażagħ. Hekk, ngħidu aħna, fl-1863 infetħu skejjel għat-tagħlim tal-bizzilla, u tletin sena wara Vincenzo Bugeja fetaħ *Istituto Tecnico* u *Conservatorio*. Fost dawn l-appelli niltaqgħu ma' wieħed li sar lill-Kummissjoni Mowatt fl-1912 minn Joseph Howard, qarib ta' Ġorġ Preca, direttur ta' A. Cousins & Co., li kienu jagħmlu s-sigaretti, u li aktar tard sar l-ewwel Prim Ministru ta' Malta.

Il-Kummissjoni Rjali Mowatt, imwaqqfa sabiex tistħarreġ u tirrapporta dwar is-sitwazzjoni soċjoekonomika batuta li kien hawn f'Malta, iltaqgħet mal-ogħla personalitajiet tal-pajjiż sabiex tfassal pjan għall-fejqan ekonomiku tal-gżira, u ħafna minnhom innutaw il-faqar u n-nuqqas ta' edukazzjoni li kien hawn kemm fost it-tfal kif ukoll fost l-adulti.

Iżda li kieku ma kienx hawn il-massa kritika ta' intraprendituri industrijali li setgħu jużaw il-pressjoni tagħhom b'mod effettiv biex iħaffu l-iżvilupp tal-edukazzjoni f'Malta, kien hemm forzi soċjali oħra li setgħu jagħmlu dan, wieħed jistaqsi? Fil-pajjiżi Skandinavi u fl-Olanda l-Knisja uriet li kienet forza qawwija li mexxiet 'il quddiem l-edukazzjoni tal-massa, meta wieħed iqis ukoll il-ħerqa tal-Protestanti li jaqraw u jistudjaw il-Bibbja. Il-Knisja Maltija u r-reliġjon Kattolika kienu daqshekk influwenti? Filwaqt li l-qawwiet kolonjali kull fejn kienu nqdew bl-edukazzjoni bħala mezz ta' kontroll, għodda biex jiddomestikaw il-poplu aktar milli biex jilliberawh[6], b'danakollu rnexxielhom joħolqu moviment li kellu jwassal biex l-edukazzjoni titwessa'. Jewwilla l-Ingliżi ma qisuhx ta' vantaġġ għalihom li jkattru t-tagħlim fl-iskejjel Maltin? Sa missena 1836, ngħidu aħna, il-Kummissjoni Austin & Lewis irrikkmandat l-espansjoni tal-faċilitajiet edukattivi billi "t-tkattir tat-tagħlim tajjeb fost il-poplu ta' Malta mhux biss itejjeb il-kondizzjoni tagħhom imma wkoll isaħħaħ ir-rabta tagħhom mal-kuruna Ingliża … u t-titjib fl-edukazzjoni tal-klassi tan-nofs u tal-klassi l-għolja jħaffef it-triq biex il-Maltin ikunu jistgħu jidħlu jaħdmu maċ-ċivil".[7] Tabilħaqq, ir-raba' Direttur tal-Edukazzjoni, Sigismondo Savona, kellu jinqeda b'dawn l-istess argumenti biex jagħmel it-talba tiegħu favur il-ħtieġa tal-edukazzjoni tal-poplu, billi jargumenta li m'hemm xejn aħjar mill-'edukazzjoni razzjonali' biex ikollok poplu faċli biex tiggvernah (tmexxih), li jżomm ruħu 'l bogħod mill-kriminalità, u mibni u msaħħaħ bi drawwiet sani biex ikun jista' jaqdi 'l Alla, 'l għajru u 'l pajjiżu.[8] F'dan il-kuntest in-nies tal-klassi l-għolja ġeneralment ikollhom interess li jżommu bla mittiefes il-poter kulturali tagħhom u li jirriproduċu l-ħakma tagħhom permezz ta' għamla speċifika ta' edukazzjoni. Tgħid il-klassi l-għolja Maltija ma qesitx l-edukazzjoni bħala strument qawwi biex setgħet iżżomm il-ħakma tagħha fuq il-klassi l-baxxa, l-aktar billi d-dominanza tagħha kienet mhedda bil-preżenza ta' klassi elitista barranija?

### Il-Knisja Kattolika u l-edukazzjoni

It-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet nistgħu nsibuha fil-mod kif l-edukazzjoni f'Malta nqabdet fit-taqbida għall-poter bejn gruppi differenti, u tħabblet ma' kwistjonijiet marbutin mar-reliġjon, mal-politika, poter u finanzi. Filwaqt li ċerti individwi mdawlin, ewlieni fosthom Manwel Dimech[9], saħqu fuq l-edukazzjoni obbligatorja għal kulħadd imħallsa mill-istat, nibet moviment kontra d-demokratizzazzjoni tat-tagħlim, moviment li kompla jissaħħaħ u li ħa forom differenti. Għaldaqstant jidher li wħud, imnebbħin minn interpretazzjoni u applikazzjoni ta' attitudni voluntaristi li kienet fl-aqwa tagħha fl-Ingilterra fis-snin 40 tas-seklu 19,[10] argumentaw li l-idea li l-edukazzjoni tkun obbligatorja taħdem kontra l-interessi tar-reliġjon Kattolika. Bi tweġiba għal dan, Casolani[11] kiteb żewġ ittri b'riferenza għall-'kriżi edukattiva' ta'

dak iż-żmien, u tenna li 'l-edukazzjoni obbligatorja, bħala rimedju kontra t-telqa, u ħarsien mill-periklu soċjali, bla dubju ta' xejn taqa' taħt il-kompetenza tal-istat'. Għaldaqstant Casolani kien favur li l-edukazzjoni tkun obbligatorja, sakemm dan ma jpoġġix f'pożizzjoni privileġġjata l-Protestantiżmu f'Malta. Il-Knisja Kattolika, min-naħa l-oħra, donnha interpretat l-indħil tal-istat fl-edukazzjoni bħala interess fil-proselitiżmu. Il-fatt li fl-1833 xi Protestanti Ingliżi kienu fetħu skejjel missjunarji f'Malta għal dak il-għan kompla kabbar dawn is-suspetti tal-Knisja Kattolika.[12] Erbgħin sena wara Casolani ħass il-ħtieġa biex jerġa' jwissi kontra l-indħil protestant fl-iskejjel, u rrefera għal każ partikulari fejn "għalliem, direttur, u kotba … huma kollha Protestanti, filwaqt li l-iskola msemmija hija ssussidjata minn fondi pubbliċi għal subjien u żgħażagħ Maltin li ma jistgħux ikunu għajr Kattoliċi".[13]

Dan sa ċertu punt jispjega l-għaliex il-Knisja bħala istituzzjoni ma xtaqitx tippromwovi l-edukazzjoni tal-massa, iżda fl-istess ħin kellha f'idejha l-formazzjoni tal-élite kulturali, il-mexxejja tal-ġejjieni u ħbiebhom, permezz ta' skejjel bħall-kulleġġ tal-Ġiżwiti. Iżda hemm raġuni oħra għal din l-attitudni min-naħa tal-Knisja: it-theddida li setgħet taffaċċja għall-ħakma intellettwali li kienet tħarreġ fuq il-poplu li kellu dan jasal għal livelli għolja ta' edukazzjoni. Għal sekli sħaħ il-Knisja gawdiet il-pożizzjoni prestiġjuża ta' medjatur bejn il-poplu u Alla, pożizzjoni li ħadd ħliefha ma kellu. Fil-fatt il-Kattoliċiżmu huwa mibni fuq din il-premessa: il-ħtieġa ta' klassi klerikali li tfisser il-kelma ta' Alla lill-poplu. Dan għandu l-implikazzjonijiet tiegħu fuq ir-relazzjoni li hemm bejn ir-reliġjon u l-edukazzjoni. Il-kuntrast bejn din il-pożizzjoni tal-Knisja u dik ta' gruppi reliġjużi Protestanti mxerrda mal-Ewropa ta' Fuq joħroġ tajjeb ħafna dan li qed ngħid. Il-Protestantiżmu kien warrab il-bżonn ta' intermedjarju fir-relazzjoni ta' Alla mal-bniedem, u saħaq fuq l-importanza ta' relazzjoni diretta ma' Alla, inkluża l-interpretazzjoni personali tal-Bibbja. Dan kien jimplika li l-poplu kellu jkun jaf jaqra biex seta' jqiegħed it-twemmin reliġjuż tiegħu fil-prattika. Fil-Knisja Kattolika ġara bil-maqlub. Is-sens ta' mistiċiżmu marbut mal-użu ta' ritwali, l-użu tal-Latin u ċerimonji oħra, ma setgħux ma jkomplux ikabbru s-sens ta' qima u stagħġib fost in-nies il-komuni li ħarsu lejn il-Knisja biex tagħtihom direzzjoni kemm f'dak li hu spiritwali kif ukoll temporali. Kif kienet tilmenta ta' spiss l-istampa favur l-Ingliżi f'Malta, l-influwenza tal-kleru f'dawn il-gżejjer kienet tant mifruxa li kull tentattiv biex tiġi introdotta istruzzjoni liberali sistematika ma setgħetx ma tfallix, billi kienu joħorġu kontra tagħha kemm il-ġerarkija kif ukoll il-poplu nnifsu, li donnhom kienu "kuntenti b'dan il-kontroll tal-ħsieb ħieles".[14]

## Il-politika tal-klassi u l-edukazzjoni

Iżda kienet x'aktarx il-politika tal-klassi, daqs ir-reliġjon jekk mhux iktar minnha wkoll, li żammet lura l-progress fl-edukazzjoni fl-aħħar snin tas-seklu 19 u fil-bidu tas-seklu 20. Kien hemm biża' ġenerali fost il-klassi tal-flus li jekk l-edukazzjoni tinfirex fost il-popolin ikun hemm qawmien soċjali. Dan il-biża' kont issibu wkoll fost in-neguzjanti mal-Kontinent, li kienu nkwetati partikularment bil-qawmien ta' ideat soċjalisti lejn tmiem is-seklu 19. } add ma fisser tajjeb dan il-biża' fil-pajjiż

daqs in-'nobbli' Salvatore Frendo de Mannarino. Waqt li kien qiegħed jindirizza l-Kummissjoni tal-1898 dwar ir-riforma fl-edukazzjoni, huwa wissa kontra l-periklu li jkollok poplu li jipprova joħroġ barra mill-klassi soċjali li, skont hu, jkunu qegħduh fiha n-Natura u l-Providenza divina. Dawn in-nies 'barra minn posthom' ['*spostati*'], kif isejħilhom, jibdew jistmellu x-xogħol manwali, u mbagħad min jibda jħit il-ħwejjeġ u jsewwi ż-żraben? L-edukazzjoni qiegħda biex tgħin in-nies ikunu kuntenti fil-klassi li twieldu fiha; kull triq oħra twassal għas-soċjaliżmu, li 'jrid jeqred kull distinzjoni ta' klassi mwaqqfa minn Alla nnifsu fil-Ktieb Etern tiegħu'.[15] Ideat bħal dawn wasslu għal sitwazzjoni fejn l-edukazzjoni bdiet tingħata biss fuq il-bażi ta' klassi (soċjali), hekk li s-Senat tal-Università sa wasal biex jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni anomala li kien hemm li terz tal-għajnuna tal-istat għall-edukazzjoni kellu jmur għal ulied il-klassi tan-nofs:

> Li kieku l-flus li hemm ma jkunux limitati, li kieku wlied il-foqra kienu lkoll qed jingħataw edukazzjoni primarja bla ħlas, li kieku l-ħtiġijiet tat-tagħlim u l-bini nnifsu tal-iskola kienu tal-livell meħtieġ, u s-salarju tal-għalliema kien xieraq fil-klassijiet kollha, dan ix-xorta ta' tqassim wieħed seta' forsi jiddefendih. Iżda dawn il-kondizzjonijiet ma jeżistux, u għal din ir-raġuni hemm għadd kbir ta' tfal li l-Istat mhu b'ebda mod jaħseb għall-edukazzjoni tagħhom. … L-Istat qed jonfoq minn 5 sa 30 darba iżjed fl-edukazzjoni tat-tfal ta' dawk li jifilħu jħallsu milli fl-edukazzjoni ta' wlied il-foqra. Dan huwa sewwasew il-maqlub tal-prinċipji li fuqhom huma msejsa s-sistemi tal-edukazzjoni nazzjonali tal-pajjiżi kollha.[16]

Il-klassi elitista opponiet l-edukazzjoni mhux biss minħabba l-interessi klassisti tagħha, iżda wkoll minħabba raġunijiet ta' nazzjonaliżmu, u dan ħareġ b'mod ċar ħafna fil-kwistjoni tal-lingwa li biha kellu jsir it-tagħlim. Din kienet ilha biċċa wġigħ ta' ras sa mis-sena 1836 meta l-Kummissjoni Austin & Lewis irrikkmandat li t-tfal għandhom ikunu mgħallma jaqraw u jiktbu bil-Malti, warajh ikun mgħallem it-Taljan, u mbagħad l-Ingliż permezz tal-Malti. Din il-linja mexa fuqha Pullicino sas-sena 1880, sakemm, wara r-rapport tal-kummissarju għall-edukazzjoni Keenan[17] li ta mbuttatura qawwija lill-Ingliż, Savona, li bħala Direttur tal-Edukazzjoni kien jemmen b'qalbu kollha li l-ħajja tal-poplu komuni setgħet titjieb biss kemm-il darba jorbtu xortihom mal-Ingliżi, inkoraġġixxa ħafna l-istudju tal-Ingliż hekk kif it-tfal ikunu tgħallmu l-Malti. It-Taljan kellu jibqa' biss fil-klassijiet il-kbar. Fl-1888 it-Taljan reġa' ngħata l-preċedenza fuq l-Ingliż bħala l-lingwa barranija li kellha tkun mgħallma fl-istess ħin mal-Malti. Fl-aħħarnett, fl-1898, ġie deċiż li l-Malti waħdu kellu jkun mgħallem fl-ewwel sentejn tal-iskola elementari, imbagħad il-ġenituri kellhom l-għażla li jiddeċiedu jekk ridux 'l uliedhom jitgħallmu t-Taljan jew l-Ingliż. Din in-Nazzjonalisti kienu opponewha, u minflokha ħarġu bl-alternattiva tas-sistema msejħa *pari passu*, i.e. li t-Taljan u l-Ingliż ikunu mgħallma flimkien. Meta ġew ippubblikati l-istatistiċi minn 23 skola dwar l-għażla tal-lingwa, 11 minnhom kellhom 100% li għażlu l-Ingliż, l-inqas fl-iskejjel ta' Malta kien ta' 85%, u f'dawk t'Għawdex ta' 79%.[18] In-Nazzjonalisti pprotestaw u qalu li kienet biċċa qerq tal-Ingliżi li jsostnu li kien hemm għażla, billi l-mexxejja kolonjali raw kif għamlu li

l-impjiegi kollha f'Malta, anke dawk l-aktar baxxi, joħduhom dawk li kienu jitkellmu bl-Ingliż. Propagandist Nazzjonalista kiteb hekk b'mod ironiku: 'Studja t-Taljan, agħżel il-lingwa Taljana, u tispiċċa tmut bil-ġuħ. Min-naħa l-oħra, studja l-Ingliż, u tirċievi unuri, rakkomandazzjonijiet għal pożizzjonijiet u impjiegi'.[19]

Il-klassijiet professjonali, speċjalment l-avukati, ma tantx kienu ħerqana li jaraw lill-Ingliżi jbiddlu x-xena kulturali lokali billi jinsistu fuq l-Ingliż, aktar milli t-Taljan, bħala l-mezz tat-tagħlim fl-edukazzjoni. Dan kien theddida mhux biss għall-poter kulturali li l-kleru u l-klassijiet professjonali kienu ilhom igawdu għal sekli sħaħ qabel il-wasla tal-Ingliżi, iżda wkoll għas-sens ta' identità nazzjonali li kien qed jifforma ruħu. L-ilsien Taljan, kif wera Frendo[20], sar is-simbolu kulturali u ċ-ċentru tar-reżistenza tal-Maltin kontra l-Ingliżi, u kellu jibqa' hekk sa ma daħal sewwa s-seklu 20. B'riżultat ta' din l-oppożizzjoni, il-gruppi l-aktar influwenti f'Malta rnexxielhom iwaqqfu l-mixja lejn l-edukazzjoni obbligatorja tal-massa li kienet qabdet ġmielha fl-aħħar snin tas-seklu 19. Il-biża' li l-edukazzjoni setgħet iddgħajjef ir-rabta mal-Knisja Kattolika u/jew tnaqqas l-istatus u l-influwenza ta' dawk li tradizzjonalment kellhom il-poter, u r-reżistenza għall-idea li l-poplu jħallas it-taxxi biex tingħata forma ta' edukazzjoni li tnawwar is-sentiment nazzjonalista u tinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni mal-Ingliżi, wasslet għal sitwazzjoni fejn l-illitteriżmu u l-injoranza kienu mifruxa kemm fost it-tfal kif ukoll fost il-kbar.

Għaldaqstant, ma' dħul is-seklu l-ġdid, madwar 35% biss tat-tfal tal-età tal-iskola, jiġifieri ta' bejn it-tliet snin u l-15-il sena, kienu qed jingħataw edukazzjoni fi skejjel tal-gvern jew privati, u f'Jannar tal-1898 ma ntlaqgħux 6000 applikazzjoni għad-dħul fl-iskejjel elementari tal-gvern minħabba nuqqas ta' kmamar li setgħu jakkomodawhom.[21] L-illitteriżmu kien ta' madwar 75%. Meta fl-1901, il-gvern Ingliż irnexxielu jegħleb il-Kunsill ta' tmexxija lokali u ġieb il-fondi għall-edukazzjoni, is-saħħa, u żvilupp infrastrutturali bħad-dranaġġ, l-ilma u t-toroq, sar progress bil-mod fil-bini ta' aktar skejjel primarji u s-sitwazzjoni bdiet ġejja għall-aħjar. B'danakollu, fl-1903 kien għad baqa' 3245 tifel u tifla li xtaqu jidħlu l-iskola iżda kellhom jiġu rrifjutati. Sa l-1910 kien hemm 86 skola f'Malta u Għawdex, u f'dik is-sena ġew reġistrati l-akbar għadd ta' studenti, 20,157.[22] Kien hemm erba' skejjel sekondarji, l-akbar waħda fosthom, il-Liċeo, b'madwar 400 student. Iżda l-attendenza fl-iskejjel elementari kienet irregolari, u l-parti l-kbira tat-tfal kienu joħorġuhom mill-iskola ta' madwar 10 snin jekk mhux qabel biex jaqilgħu l-flus għall-familja, biex hekk 'dak il-ftit li setgħu jkunu tgħallmu malajr jitlaq minn moħħhom, u jerġgħu jaqgħu fl-istat ta' illitteriżmu'.[23]

## Jitfaċċa fix-xena Ġorġ Preca

Huwa f'dan il-kuntest ta' tilwim u ġlied li jikkaratterizza l-iżvilupp, jew aħjar in-nuqqas ta' żvilupp fl-edukazzjoni f'Malta, li nistgħu nifhmu aħjar il-kontribut kbir ta' Preca. Huwa biss billi nqiegħdu l-isforzi tiegħu f'dan il-kuntest li nistgħu napprezzaw ir-radikalità tal-inizjattivi tiegħu, u li nifhmu r-relevanza tiegħu bħala mudell għall-edukaturi tal-adulti fi żminijietna. Fiż-żmien meta t-tagħlim kien meqjus bħala xi ħaġa misterjuża u eżoterika, qasam esklussiv f'idejn gruppi li nqdew bih u żviluppawh biex jiksbu l-poter,

Preca ntefa' b'ruħu u b'ġismu biex jaqsam dak l-istess tagħlim ma' nies li sa dak iż-żmien kienu tħallew barra. Fiż-żmien meta t-tagħlim kien meqjus għodda biex lill-ftit jagħlaqhom għalihom, benefiċċju li joħloq distanza soċjali u jenfasizza s-sens ta' ġerarkija, Preca qasam l-għerf tiegħu fit-teoloġija man-nies komuni. Minflok ma ħoloq sens ta' misteru madwar it-tagħlim bl-użu ta' ħafna Latin, jew daħal bejn il-basla u qoxritha fil-kwistjonijiet lingwistiċi u politiċi dwar jekk għandux ikun it-Taljan jew l-Ingliż il-mezz tal-istruzzjoni, Preca għallem u tkellem bil-Malti, u bena fuq temi u stili ta' komunikazzjoni li laqtu l-għeruq tal-kultura popolari.[24] Meta ideat dwar 'abbiltà' u 'ħila' kienu sinonimi mal-pożizzjoni fil-klassi soċjali u kienu jservu biex ikomplu jkattru s-sens ta' privileġġ, Preca ffoka l-attivitajiet tiegħu mal-adulti u t-tfal li l-kondizzjoni soċjali umli li kienu ġejjin minnha kienet teskludihom mhux biss miċ-ċrieki ta' karigi u poter imma wkoll mit-tagħlim.

F'dan li se nikteb se noqgħod b'seba' għajnejn biex lil Preca ma nidealizzahx. Dan m'għandux ikun daqshekk diffiċli, għaliex, jekk inħarsu lejh bl-għajnejn tal-lum, malajr inlumuh minħabba n-nuqqas ta' mpenn politiku tiegħu fi żmien meta n-nazzjonaliżmu kien il-mod ewlieni ta' oppożizzjoni għall-qawwiet kolonjali. Bħal kull saċerdot tipiku ta' żmienu, kien maqbud f'etika individwalista li tħares lil hinn minn did-dinja fil-konfront tiegħu mal-faqar u l-miżerja: filwaqt li kien ix-andar il-valuri evanġeliċi tal-imħabba u l-impenn lejn l-oħrajn, ma kellux il-qatgħa ta' xi rivoluzzjonarju politiku. Għal dik l-ispirazzjoni rridu nħarsu lejn bniedem ieħor li kien jgħix fi żmienu, Manwel Dimech. Iżda Preca u l-ħidma tiegħu jistgħu' xorta waħda jkunu ta' stimolu għal ħsieb riflessiv li jista' jwassal għall-azzjoni li tħalli impatt pożittiv fuq id-dinja ta' madwarna. L-għażliet li se nagħmel minn ħajtu ma jistgħux ma jkunux soġġettivi, bħalma soġġettiva hija l-interpretazzjoni tas-sinjifikat tagħhom. Bejn is-snin 1974 u 1982 jiena kont membru tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija mwaqqfa minn Preca fl-1907, u għaldaqstant ma nistax ma nkunx influwenzat mill-esperjenzi tiegħi ta' apprentistat informali ma' dawk li kienu ġeneralment meqjusin fost l-aħjar esponenti tal-pedagoġija ta' Preca. Din il-pedagoġija qatt ma ġiet artikolata, studjata jew mistħarrġa sistematikament, iżda ħadet il-forma ta' dik il-kelma ta' ġid li tiġbor fiha dik l-kapaċità magħrufa minn kulħadd li għandhom *tal-Mużew* – kif inhuma magħrufa fost il-poplu l-membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija – li jikkomunikaw b'mod effettiv man-nies komuni. Għadni niftakar ċar wieħed mill-pariri fit-tradizzjoni pedagoġika ta' Preca li tani b'mod informali wieħed mill-għalliema tiegħi meta kien għad kelli biss 15-il sena, meta talbuni nindirizza għall-ewwel darba kappella mimlija adulti:

a) Ftakar, Dun Ġorġ dejjem kien jibda bi storja jew b'mistoqsija, u jgħaqqadha mal-ħajja ta' kuljum, mar-realtajiet u l-esperjenzi tan-nies li jkollu quddiemu.

b) Kun umli meta tippreżenta ruħek quddiem in-nies: tinsiex li huma wkoll għandhom tagħhom x'jgħidu.

ċ) Fost dawk li jkunu jisimgħuk jista' jkollok nies ġejjin minn ambjenti differenti. Fittex li dak li tgħid ikun jinteressa lit-tabib mingħajr ma jħawwad lit-tifel tal-purtinar.

Għalkemm dawn il-prinċipji m'hemmx xi teorija warajhom – fil-fatt, fost il-mijiet

ta' kotba, folji u fuljetti popolari li kiteb Preca, l-ebda wieħed ma jittratta b'mod sistematiku s-suġġett tal-pedagoġija, jew jiżviluppa xi teorija tal-edukazzjoni miktuba b'dan l-iskop[25] – b'danakollu hawn għandna, sa mit-tbexbix tas-seklu 20, l-istess attitudnijiet u pedagoġija li 50 sena wara kellhom joħorġu bihom nies bħal Paolo Freire. Il-prinċipji fondamentali hemm qegħdin, u dawn kellhom jikkaratterizzaw il-ħidma edukattiva tiegħu tul ħajtu kollha. Ħu, ngħidu aħna, l-enfasi tiegħu fuq li l-kelliem għandu jorbot kliemu mal-esperjenzi tal-ħajja tassemmiegħa biex hekk ikun relevanti għalihom. Preca ġabar l-ewwel edukaturi adulti mit-Tarzna, u ħassu komdu ħafna jissoċjalizza ma' dawn il-ħaddiema, billi juża r-riżorsi kulturali u t-tradizzjonijiet tagħhom biex setgħu jifhmuh. L-attività tiegħu wkoll kienet ibbażata fuq organizzazzjoni msawra u magħġuna fil-qalba tal-poplu, bi djar u oqsma mifruxin fl-irħula, li mbagħad saru ċentri fil-komunità meta dan l-istess kunċett lanqas biss kien għadu nħoloq. L-ideal għall-għalliema tiegħu kien li huma jkunu 'fid-dinja' bla ma jkunu 'tad-dinja'. Jekk dawn il-frażijiet inneħħulhom il-konnotazzjonijiet metafiżiċi u reliġjużi tagħhom, u konxjament napplikawhom għal mod aktar politiku ta' kif nifhmu l-edukazzjoni, malajr nintebhu li hawn għandna ideal għall-edukaturi biex filwaqt li jidħlu fid-dinja u jaċċettawha b'dak kollu li hi, fl-istess ħin ma jitilfux il-viżjoni tagħhom tad-dinja kif tista' tkun jew kif għandha tkun. Dan kien mod radikalment ġdid kif wieħed iħares lejn l-edukazzjoni, li neħħa l-istar ta' misteru u ġieh marbuta mal-kariga li kellhom il-qassisin u n-nies tal-klassijiet professjonali u minflok ippreżentat għalliema li kienu 'ġejjin mill-poplu' u li jaħdmu mal-poplu. Hawn għandna ħaddiema li kellhom jikkomunikaw ma' sħabhom il-ħaddiema bil-Malti, u li l-fabbrika, il-ħanut, is-suq, u t-titotli bidluhom f'postijiet fejn wieħed seta' jgħallem u jitgħallem.

Iżda ma kienx biss il-proċess pedagoġiku li rrivoluzzjona Preca bl-attivitajiet tiegħu f'Malta ta' ftuħ is-seklu 20. Il-politika tiegħu tat-tagħlim kienet radikali b'mod kritiku fi żmien meta, kif diġà rajna, it-tagħlim f'kull qasam kien skars, u l-aċċess għalih kien ikkontrollat b'mod strett minn nies li kellhom l-interess iżommu l-karigi, il-privileġġi u l-poter li kellhom. Preca kien tal-fehma li t-tagħlim tat-teoloġija m'għandux jibqa' l-monopolju ta' ftit qassisin magħżula, iżda għandu jinfirex u jasal għand iċ-ċittadini kollha. Huwa kien għal kollox kontra dik il-fidi pjetistika, fil-qofol tagħha superfiċjali u superstizzjuża, li kienet il-karatteristika ta' żmienu, u ħadem għad-demokratizzazzjoni ta' Kristjanità li kienet aktar teoretikament infurmata u ffurmata. Dan huwa għamlu kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba, billi żviluppa mhux biss forom ġodda ta' interazzjoni mal-adulti (e.g. is-*Sajda*),[26] imma wkoll stili ġodda ta' kitba fl-ilsien Malti (e.g. *Is-Sakrarju tal-Ispirtu ta' Kristu*)[27] fi żmien meta dan l-ilsien kienu jħarsu lejh bħala 'tajjeb biss biex jintuża fil-kċina', u wessa' dawk li kienu meqjusa l-konfini limitati ta' dan l-ilsien billi żviluppa bih diskors teoloġiku. Il-proġett ta' Preca kien suċċess kbir biżżejjed biex qanqal ir-rabja tal-knisja istituzzjonali, hekk li saħansitra l-isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien ordnalu jagħlaq iċ-ċentri kollha fl-irħula, u li ma jibqax jiltaqa' aktar ma' dawn l-edukaturi adulti. It-teoloġija qatt m'għandha tkun mgħallma lill-*bifolchi* (il-klassi l-baxxa)![28]

## Ir-relevanza ta' Preca fiż-żminijiet tal-lum

Preca mhuwiex interessanti biss għall-istudjuż tal-istorja, iżda ċertament il-kontribut tiegħu għandu jkun suġġett ta' studju f'oqsma oħra, fosthom il-letteratura reliġjuża Maltija u l-pedagoġija. Hawn-hekk se niffokaw speċifikament fuq l-edukazzjoni tal-adulti, u mistoqsija li tid-her faċli iżda li bla dubju toffri sfida hija: "Li kieku Ġorġ Preca għex f'Malta tal-lum, x'kien jiġih f'moħħu li jagħmel? / X'kien jagħmel illum li kieku Ġorġ Preca għadu fostna?" Jekk qed ninterpreta tajjeb il-kontribut li ta f'ħajtu, il-fehma tiegħi hija li Ġorġ Preca llum kien jipprova jilħaq dawk il-gruppi li l-eżistenza kulturali u ekonomika tagħhom qed iċċaħħadhom milli jintlaħqu minn forom istituzzjonalizzati ta' edukazzjoni adulta li nsibu f'Malta llum. Fost dawn insibu x-xufiera tal-karozzi tal-linja u t-taksis u tfal li ġa ntefgħu fid-dinja tax-xogħol u ġa qed jgħixu ħajja ta' kbar[29] – biex ma nsemmix lill-emigranti u lill-emarġinati. Preca tal-lum żgur li kien ikun konvint mill-kapaċità li għandhom l-irġiel u n-nisa kollha li jsiru midħla ta' dawk is-suġġetti u forom ta' tagħlim li, skond is-sens komun ta' min jaħkem, huma wisq 'avvanzati' għan-nies komuni. Kien ikun irid lil min jitgħallem biex b'mod personali u bl-akbar ħerqa u im-penn ifittex it-tagħlim, mhux bħala skop fih innifsu imma bħala gwida biex ikun jista' jimxi fuqha għal azzjoni. Żgur li kien ikun jemmen b'saħħtu kollha f'inizjattivi edukattivi bbażati fil-komunità, nies li jgħixu qrib il-poplu u bħall-poplu li jridu jaħdmu miegħu, u li jadottaw stil ta' ħajja li jixbah lil tal-poplu sakemm dan ikun kompatibbli mal-valuri ta' ħajjithom. Kien jibqa' fidil lejn l-interessi tas-semmiegħa tiegħu, u mhux jinqeda bit-tagħlim biex iservih ta' pedestall biex ikun jista' jimxi 'l quddiem hu. Ma kienx jaħsibha darbtejn biex jikkonfronta l-poter u l-preġudizzju, jidhru taħt liema forma jidhru. Żgur li kien ikun inqas preokkupat bir-rikonoxximent tal-kredenzjali tiegħu u aktar moħħu biex jiżviluppa relazzjonijiet ta' tagħlim li jgħaqqduh mal-esperjenzi ta' ħajja li jkunu jgħixu l-'istudenti/iskulari' tiegħu. Nistenna li l-Preca taż-żminijiet moderni jkun innovattiv u kreattiv fil-pedagoġija tiegħu, billi juża teknoloġiji ġodda ta' tagħlim – wara kollox, il-Preca storiku fit-tagħlim tiegħu għamel l-aktar użu effettiv tat-teknoloġija l-aktar avvanzata li kellu fi żmienu, l-istamperija – bla ma jħalli l-istess teknoloġija tidħol bejnu u l-messaġġ tiegħu, jew bejnu u s-semmiegħa tiegħu.

Naturalment, kull evalwazzjoni tal-kontribut ta' Ġorġ Preca fil-qasam tal-edukazzjoni tal-adulti trid tittieħed fil-kuntest tat-tradizzjoni stabbilita minn edukaturi oħra li ħallew marka fl-iżvilupp ta' dan il-qasam madwar id-dinja.[30] Iżda l-argument tiegħi huwa li l-kontribut ta' Preca għandu sinjifikat partikulari meta tqis li metropoli kbar – li jgawdu mo-nopolju internazzjonali fil-produzzjoni, iċ-ċirkulazzjoni, u l-leġitimizzazzjoni tat-tagħlim – ma rrikonoxxewx il-kontribut li taw pajjiżi mill-'periferiji' tad-dinja għall-iżvilupp fl-edukazzjoni. Meta nżommu quddiem għajnejna li l-iżvilupp f'xi qasam partikulari tal-għerf isir eħfef meta nirreferuh għal 'eroj' – jew '*subjects-to-think-with*' – li jservu ta' mudell li, bil-'ħeġġa radikali' tagħhom jipproblematizzaw il-prattika tagħna u juruna modi alternattivi kif nesperjen-zaw l-eżistenza tagħna u kif nagħmlu l-affarijiet, l-iktar mistoqsija f'lokha li tiġini f'moħħi nagħlaq din il-kitba, mis-

toqsija li għandha implikazzjonijiet għal udjenza anke 'l barra mix-xtut Maltin, hija: Jinsabu nies oħra tat-tip u l-kalibru ta' Preca llum?

[Ħajr lil Joseph Abdilla u lil Peter Mayo għall-kummenti li għamluli fl-istadji bikrija ta' din il-kitba. Ħajr ukoll lil Carmel Bezzina li qaleb dan l-istudju għall-Malti.]

*Ronald G Sultana huwa professur tas-soċjoloġija tal-edukazzjoni fl-Università ta' Malta. Kiteb għadd ta' kotba, fosthom* Education and National Development *(1992) u ( ), u bosta artikli f'rivisti internazzjonali.*

## Noti

[1] Il-bijografija uffiċjali ta' Ġorġ Preca hija dik li kiteb Alexander Bonnici fi tliet volumi: *Dun Ġorġ Preca: Hajja-Xhieda-Dokumenti*, Edizzjoni MUSEUM, Malta, 1980-1989. Għalkemm ix-xogħol ta' Bonnici huwa dokumentazzjoni siewja, jonqsu s-sens kritiku tal-proċess soċjali, politiku, ekonomiku u kulturali tal-gżejjer Maltin. L-istudju qasir ta' Vella (L Sciberras u M Vella, *Wara r-Repubblika: Versi*, Malta, 1981) joffri spunti qosra iżda politikament sofistikati tas-siwi tax-xogħol ta' Preca, u jippreżenta lil dan is-saċerdot bħala intellettwali organiku, biex nissellfu t-terminoloġija ta' Gramsci. Iżda sfortunatament l-analiżi tal-kontribut ta' Preca fl-edukazzjoni u l-pedagoġija għadha mhix żviluppata biżżejjed, l-aktar minħabba li ħafna mil-letteratura dwaru tiffoka fuq il-kontribut tiegħu fil-qasam spiritwali, u x'aktarx hija aktar aġjografika milli analitika magħmula b'mod rigoruż.

[2] Raymond Williams, *The Long Revolution*, Harmondsworth: Penguin, 1965.

[3] Andy Green, *Education and State Formation: The Rise of Education Systems in England, France and the USA*, London: Macmillan, 1990.

[4] Rakkont aktar iddettaljat tad-dinamika tal-iżvilupp u n-nuqqas ta' żvilupp fis-sistema edukattiva Maltija mill-bidu tas-seklu 19 'il quddiem jagħtihielna Ronald G Sultana f'*Education and National Development: Historical and Critical Perspectives on Vocational Schooling in Malta*, Msida/Malta: Mireva, 1992.

[5] Ibid.

[6] Frantz Fanon, *The Wretched of the Earth*, New York: Grove Press, 1968.

[7] *"The diffusion of sound knowledge amongst the people of Malta would tend to improve their condition, and to strengthen their attachment to the British crown … and an improvement of the education of the higher and middle classes would facilitate the admission of natives to employment in the civil government."* (John Austin u George C Lewis, *Reports of the Commissioners Appointed to Inquire into the Affairs of Malta*, London: HMSO, 1838, 37-38)

[8] Sigismondo Savona, *On the Necessity of Educating the People*, Malta, 1865.

[9] Henry Frendo, *Birth Pangs of a Nation: Manwel Dimech's Malta*, Malta: Midsea Books, 1972.

[10] Il-moviment voluntarista fl-Ingilterra, immexxi fil-qofol tiegħu min-Nonkonformisti, ħareġ bil-qawwa biex jaċċerta li l-edukazzjoni obbligatorja ma jagħtix kontroll ekkleżjastiku fuq it-tagħlim lill-Knisja Anglikana, li kienet diġà pprivileġġjata. Cf. John Lawson u Harold Silver, *A Social History of Education in England*, London: Methuen, 1973, 274-276. F'Malta, il-politika ta' edukazzjoni obbligatorja wħud ħarsu lejha bħala attentat mill-gvern kolonjali biex jindaħal fil-formazzjoni morali taż-

żgħażagħ billi jġib 'il quddiem it-twemmin Protestant.

[11] Charles Casolani, *Two Letters Suggested by the Present Educational Crisis*, London: Burns & Oats, 1872.

[12] Dispaċċ mill-gvernatur Ponsonby lil Lord Stanley, is-Segretarju ta' l-Istat, li jġib id-data tat-23 ta' Ottubru 1833, ikkwotat minn Albert V Laferla, fi *British Malta*, I, Malta: Aquilina, 1945, 152-153.

[13] Casolani, 1872, 28.

[14] *The Malta Observer*, 28 ta' Jannar 1867.

[15] Salvatore Frendo de Mannarino, *La Scuola Primaria: Studi Comparative e Proposte di Riforma*, Malta, 1898, 17-18.

[16] *Vice-Chancellor's Annual Report to the University: 1892-1893,* Malta: Government Printing Office, 1893, pti 12-13.

[17] Patrick J Keenan, *Report on the Educational System of Malta* f'*Parliamentary Papers,* xlix (1880) 2685.

[18] *Daily Malta Chronicle*, 24 ta' Diċembru 1898.

[19] A Cini, *La Libera Scelta, ossia la Questione della Lingua in Malta*, Siracusa: Tamburo, 1901, 22.

[20] Henry Frendo, *Party Politics in a Fortress Colony*, Malta: Midsea Books, 1979.

[21] Napoleone Tagliaferro, *The Education System in Malta*, Malta: Government Printing Office, 1901, 4.

[22] *Rapporti dwar il-ħidma tad-Dipartimenti tal-Gvern*, 1901-10, M22, para. 146. Kien hemm 38 skola għas-subien, 32 għall-bniet, u disgħa għall-infantili.

[23] Mowatt Commission, *Report of the Royal Commission on the Finances, Economic Position and Judicial Procedure of Malta*, Malta, 1912, 21.

[24] Oliver Friggieri, *Dun Ġorġ: xi ħadd, xi ħaġa* f'*Dun Ġorġ* 6 (1974) 15-18.

[25] Preca kiteb manwal għall-katekisti msejjaħ *Gwida għal min Jgħallem it-Tfal* (Edizzjoni MUSEUM, 1970), ktejjeb ta' pariri prattiċi mibnijin fuq l-esperjenza. L-enfasi tiegħu fuq li l-għalliem għandu jibda l-ewwel mill-esperjenza konkreta u mbagħad jasal għall-astratt insibuha wkoll fil-ktieb *Konastrija* (Edizzjoni MUSEUM, 1991).

[26] Fis-sens litterali tagħha, il-kelma *sajda* tfisser "qabda ħut", u f'dan il-kuntest Preca jużaha biex ifisser li l-laqgħat kateketiċi tiegħu għandhom ikunu inklusivi kemm jista' jkun. Il-kelma għandha konnotazzjonijiet ukoll ta' "ħeġġa missjunarja" li llum tinħass barra minn żmienha, imma li kienet tagħmel parti mill-mentalità Kattolika sal-Konċilju Vatikan II, meta mbagħad ħareġ il-kunċett ta' "inkulturazzjoni" (li tipperswadi bix-"xhieda" tal-ħajja aktar milli bl-eżortazzjoni).

[27] Preca Ġ., *The Sanctuary of Christ's Spirit*, Edizzjoni MUSEUM, 1990 (ippubblikat għall-ewwel darba bil-Malti fl-1948).Dan il-ktieb, li kien ippubblikat għall-ewwel darba fl-1948, deher fil-verżjoni tradotta bl-Ingliż fl-1992, u huwa x'aktarx il-kapolavur ta' Preca. Niftakar li meta ttraduċejt dan ix-xogħol fl-1981 – abbozz li serva ta' bażi għall-verżjoni li ġiet ippubblikata – laqtuni għadd ta' elementi li jixirqilhom li jiġu mistħarrġa f'aktar dettall, fosthom: l-enfasi fuq l-importanza li wieħed jesperjenza d-dimensjoni spiritwali permezz tas-sensi; is-sintesi bejn ir-riflessjoni u l-azzjoni, u bejn it-teorija u l-prattika; l-enfasi li wieħed jippersonalizza r-relazzjoni bejn il-kittieb u l-qarrej, u bejn il-qarrej u s-suġġett tal-meditazzjoni; il-ħila li wieħed jiġbor l-esperjenzi reliġjużi profondi u t-teoloġija

f'lingwaġġ sempliċi li jista' jintlaħaq minn kulħadd, biċċa xogħol kbira ħafna fi żmien meta ftit kien hawn eżempji, jekk kien hawn, tal-applikazzjoni tal-Malti f'oqsma speċjalizzati bħat-teoloġija.

28 Il-kundanna tal-attività ta' Preca tirrifletti l-biża' li kellhom li jinkoraġġixxu relazzjoni diretta ma' Alla, kunċett perikoluż ġej mill-Protestantiżmu.

29 Ronald G Sultana, *Practices and policies in child labour: lessons from Malta* fi *British Journal of Education and Work*, 6(3) (1993) 45-60.

30 Hemm xebh interessanti bejn il-proġetti edukattivi ta' Ġorġ Preca u tad-Daniż Grundtvig, fis-sens li t-tnejn li huma għandhom dimensjoni spiritwali magħquda mal-ħajja tan-nies komuni fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Inħossni grat lejn Peter Mayo li għarrafni b'dan il-punt.